# *L-Istatwi fil-Faċċata tal-Knisja - Nħadmu 130 sena ilu*

*Mario Formosa Holt*

Din is-sena, 2005 qegħdin infakkru il-150 sena mill-ftuħ u tberik tal-knisja ta' Stella Maris. Dan seħħ nhar is-Sibt 11 ta' Awissu 1855. Il-Knisja meta nbniet ma kienetx kif nafuha illum. Kienet iżgħar, l-anqas il-faċċata tagħha ma kienet l-istess oriġinarjmanet. Kellha forma ta' portiku merfugħ fuq kolonni. Il-faċċata li naraw illum, bil-kampnari eleganti li jgħożżu fihom is-sett armonjuż ta' ħames qniepen tad-ditta Bianchi, tlestiet fl-1909.

Iżda iż-żewġ statwi tal-ġebel ta' Marija Addolorata ta' San Ġużepp kienu jeżistu fil-faċċata l-antika, kif jixhed dan ir-ritratt. Kienet is-sena 1875, tliet snin biss qabel il-knisja ta' Stella Maris, inqatgħet minn Birkirkara sabiex saret l-ewwel parroċċa ġewwa Tas-Sliema. F'dik is-sena twaħħal f'postu l-arloġġ mal-faċċata. Responsabbli għax-xogħol tiegħu kien il-bravu mgħallem minn Ħal-Luqa, Mikielanġ Sapiano.

Kif ta' qabilna riedu l-aqwa arloġġar ta' żmienhom sabiex jaħdmilhom arloġġ tajjeb għall-faċċata tal-knisja ewlenija ta' Tas-Sliema, daqstant ieħor ħasbu fi skultur kapaċi li jsawwar żewġ statwi sbieħ għall-istess faċċata. L-għażla waqgħet fuq Mastru Antonio Busuttil mir-Rabat.

Dan l-iskultur Rabti, li twieled fl-1822, l-aktar li hu magħruf hu għall-ammont ta' statwi tal-ġebel li għadhom isebbħu wħud mill-knejjes u n-niċeċ fit-toroq Maltin u Għawdxin. Uħud minn dawn l-istatwi kienu kbar u imponenti fil-waqt li oħrajn huma xi ftit iżgħar, però kważi kollha fihom ċertu dettalji mirqumin li joħorġu l-ġmiel tal-ġebla Maltija taħt id-daqqiet ta' l-iskarpell ta' l-imgħallem Malti. Bħala eżempju nistgħu nsemmu l-istatwa sabiħa ta' l-appostlu Missierna San Pawl ftit l-bogħod mill-kolleġġjata Pawlina tal-Belt Valletta. Statwa oħra kbira fid-daqs u ferm dettaljata, li lili toggħobni ferm, hi dik tal-patrijarka San Duminku ta' Gużmna. Din tinsab qrib il-mina tal-Birgu u Busuttil ħadimha fl-1877. B'xorti ħażina din l-istatwa, kopja fidila ta' l-istatwa ta' l-istess qaddis li nsibu meqjuma b'għożża ġewwa l-Bażilika tal-Porto Salv fil-Belt, sfat il-mira tal-vandali diversi drabi. Ġewwa l-Birgu wkoll nsibu statwa ta' San Lawrenz, li Busuttil ħadem sentejn biss qabel ma miet.

Statwi oħra li ħarġu minn taħt l-idejn kapaċi ta' Mastru Antonio Busuttil kienu tas-Salvatur, fil-kantuniera tal-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù ġewwa r-Rabat u Sant'Antnin u San Franġisk mal-kunvent tal-patrijiet Franġiskani. Dejjem fir-Rabat, Busuttil ħadem statwi oħra ta' Marija Bambina, San Pietru, San Pawl u San Pubbliju u Sant'Agata. Insibu wkoll diversi xogħolijiet oħra tiegħu mxerrdin f'diversi rħula Maltin. Nistgħu nsemmu per eżempju Santa Marija, ġewwa Ħal Għaxaq, il-Kunċizzjoni ġewwa Ħal-Luqa u San Ġużepp ġewwa n-Naxxar u diversi opri oħra tiegħu. Ġewwa Għawdex Busuttil ħadem statwi tal-Madonna, San Nikola u San Tumas għall-Aġostinjani ġewwa r-Rabat, kif ukoll Madonna ta' Lourdes.

L-ewwel xogħolijiet tiegħu, fosthom dik ta' San Pawl ġewwa l-Belt Valletta, huma dokumentati li saru fl-1850, jiġifieri meta Busuttil kellu biss 28 sena. Fil fatt ix-xogħol kollu madwar Malta u Għawdex, Busuttil għamlu fuq medda ta' tletin sena. Mastru Antonio, imlaqqam ZARMANGITA, ħafna drabi f'xogħolu kien ikun mgħejjun minn ibnu Franġisku.

Minkejja li baqa' magħruf l-aktar għall-istatwi tal-ġebel li, sal-llum għadhom isebbħu wħud mill-knejjes u t-toroq prinċipali tal-gżejjer tagħna, Busuttil ħalla l-marka tiegħu fuq xi ħaġa wkoll. Din hi l-istatwa titulari ta' Santa Marija ta' Had-Dingli. Din ġiet skolpita mill-iskultur Rabti fl-1861.



Intant l-istatwi sbieħ ta' Marija Addolorata u ta' San Ġużepp li sal-lum għadhom isebbħu l-faċċata tal-knisja Parrokkjali ta' Stella Maris, inħadmu minn Mastru Anontio fl-1875 - 130 sena ilu. Busuttil kien fl-aqwa tal-maturità fis-sengħa tiegħu. FIl-fatt, huwa miet seba' snin wara, jiġifieri fl-1882 fl-età ta' 60 sena.

Kien nhar it-23 ta' Ġunju 1875, meta

dawn iż-żewġ statwi tpoġġew f'posthom. Huma kienu tbierku mir-Rev. Mons. Goffredo Scerri, Segretarju ta' l-Isqof Mons. Carmelo Conte Scicluna.





Ix-xbieha ta' Marija Addolorata, kienu ħallsu għaliha l-membri tal-Pija Unjoni, li kienet eretta fil-knisja ta' Stella Maris nhar it-22 ta' Settembru 1872.

Xi snin ilu, meta kienet qed issir manutenzjoni tal-knisja minn barra, dawn iż-żewġ statwi kienu ġew irrestawrati. Personalment ma qbiltx li ġew miżbugħa, għax fil-fehma tiegħI, ħafna drabi iż-żebgħa ttellef ħafna mis-sabiħ tal-ġebla Maltija. Iżda r-restawr, bħall arti jagħti lok għall-opinjoni, u din hi biss l-opinjoni tiegħi. L-importani nħoss li għandna dejjem nindukraw u ngħożżu dak li ta' qabilna, b'ċerti sagrifiċċju personali, għamlu sabiex isebbħu d-dar t'Alla, iddedikata lill-Ommna Marija Kewkba tal-Baħar, li biex għamlu dan, dejjem qabbdu kif rajna f'din il-kitba, lill-aqwa nies fix-xogħol tagħhom.

Referenzi:


• L-Istatwi Titulari u l-istatwarji Tagħhom - Guido Lanfranco
• Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi Tagħhom - Vol. 1 Ediz. PIN
• Tas-Sliema il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris - Maurice Busietta






GasanMamo Insurance LIMITED

Everything that you do has a consequence, it is our advice that you should take time to THINK about all your actions and their possible effects.

GasanMamo Insurance *Need we say more!*

www.gasanmamo.com

Head Office: Msida Road, Gzira. Tel: 21 345 123

BRANCHES
Valletta: 173, Old Bakery Street. Tel: 21 232 666
Mellieha: 23, G. Borg Olivier Street. Tel: 21 523 672
Paola: 124, Antoine de Paule Square. Tel: 21 662 815
B'Kara: 233, Brared Street. Tel: 21 496 235
Qormi: 160, Pinto Street. Tel: 21 487 118
Sliema: Il-Piazzetta, Tower Road. Tel: 21 342 211

email: insurance@gasanmamo.com

GasanMamo Insurance Limited is authorised to carry on business of Insurance regulated by the MFSA.